MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 515/2011

**Margaret Gloria Ruane sive Gloria Ruane**
**Pass. No. PS-1251592**

**vs**

**Michel Spiteri**
**ID-27270(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet illi l-konvenut Michel Spiteri ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta’ tlett elef, erba’ mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06c) rapprezentanti bilanc minn ammont akbar dovut originarjament mill-konvenut lill-awtur tal-attrici David Spiteri u li issa huwa dovut lilha fil-kwalita’ taghha ta’ eredi testamentarja ta’ l-istess David Spiteri.

Illi l-konvenut minkejja bosta interpellazzjonijiet baqa' inadempjenti.
Bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi fl-ewwel lok l-attrici ghandha tipprova li hija effettivament l-eredi ta' David Spiteri kif ukoll l-interess guridiku taghha f'dawn il-proceduri. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma preskritti ai termini ta' l-Artikolu 2156 (e) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Illi subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-ammont pretiz mill-attrici mhux dovut. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Semgha x-xhieda tal-partijiet u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-verbal tas-seduta tal-15 ta' Frar, 2012, fejn il-konvenut iddikjara illi f'dak l-istadju ma kienx qed jinsisti ulterjorment fuq l-ewwel eccezzjoni sollevata minnu.

Illi din is-sentenza tittratta limitatament dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Ikkunsidra:

Illi l-attrici xehdet u ddikjarat illi hi l-eredi tad-defunt David Spiteri, li gie nieqes fis-7 ta' Frar, 2007, u dan in forza ta' testment li kien sar gewwa l-Irlanda fil-25 ta' Novembru, 2003. Illi l-istess attrici pprezentat ukoll skrittura, datata 25 ta' Novembru, 2006, li allegatament giet imhejjija mill-konvenut u hija indirizzata lid-defunt David Spiteri, u li in forza taghha l-konvenut qed jiddikjara li qed iwettaq hlas tal-ammont ta' elf lira maltin (Lm1,000), filwaqt illi jiddikjara li jonqos li jhallas elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) ohra. Illi l-attrici xehdet illi din l-iskrittura giet imhejjija quddiemha, u li ghalhekk taf li hejjijha l-konvenut.

Illi l-konvenut, da parti tieghu, meta mressaq in subizzjoni bhala xhud tal-attrici, ddikjara bil-gurament tieghu illi l-ammont pretiz mhux dovut minnu.

Ikkunsidra,

Illi l-artikolu tal-ligi li in bazi tieghu giet sollevata l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni jipprovdi ghal terminu preskrittiv ta' hames (5) snin. Illi tali eccezzjoni giet sollevata mill-konvenut a bazi ta' dak li gie indikat mill-attrici stess fl-Avviz tat-Talba, fejn hi ddikjarat illi s-self sar fl-"*2006 u qabel*". Illi fil-fatt, mill-atti processwali ma jirrizultax meta sar is-self; madanakollu, giet ipprezentata ittra li taghmel referenza ghall-hlas parzjali li kien qed jigi mwettaq mid-debitur u l-bilanc li kien ghadu dovut, li hija datata 25 ta' Novembru, 2006. Kemm-il darba tali ittra saret b'referenza ghal tali self, allura necessarjament isegwi illi dan is-self sar qabel id-data hawn fuq imsemmija.

Illi f'dan l-istadju tal-proceduri, jehtieg illi jigi stabbilit biss jekk l-azzjoni attrici hijiex preskritta, u dan in bazi tal-evidenza fornita mill-partijiet. Illi l-konvenut, mressaq mill-attrici sabiex jixhed, kien inekwivoku fl-affermazzjoni tieghu, meta hu ddikjara illi l-ammont pretiz mhux dovut.

Illi minkejja tali asserzjoni, it-Tribunal ma jistax jiskarta evidenza ohra li tinsab in atti, u li l-valur propatorju taghha ma gietx – s'issa – kkontestata. Illi ghalhekk, u minkejja l-*giuramento decisorio* li ha l-konvenut, li b'applikazzjoni tal-Artikolu 2160 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta seta' wassal ghall-inapplikabilita' tat-terminu preskrittiv eccepiet minnu stess, it-Tribunal ma jistax jiskarta evidenza illi hija konfliggenti ma' tali dikjarazzjoni. Illi kemm-il darba l-unika prova li kien hemm fl-atti kienet il-gurament decizorju tal-konvenut, allura kien isegwi illi l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata minnu kellha necessarjament tigi akkolta. Madanakollu, il-Ligi stess tipprovdi illi l-attur jista' jikkombatti eccezzjoni ta' preskrizzjoni billi jipprova l-inammissibilita', interruzzjoni jew sospensjoni ta' dik il-preskrizzjoni hekk sollevata mill-konvenut.

Illi f'dan il-kaz, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 2133 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kien hemm interruzzjoni tat-terminu preskrittiv permezz tal-ittra li tinsab *a fol.* 26 tal-atti, li tikkostitwixxi rikonoxximent da parti tad-debitur li, f'dik id-data, dan id-debitu kien ghadu dovut. Illi tenut kont tal-fatt illi tali ittra hija datata 25 ta' Novembru, 2006, u l-azzjoni giet proposta fis-17 ta' Gunju, 2011, allura jsegwi illi l-hames (5) snin spettanti lill-kreditur sabiex jipproponi l-azzjoni, kienu ghadhom ma skadewx. Illi ghalhekk, din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni qed tigi michuda.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, jordna l-proseguiment tas-smiegh tal-kawza fuq il-mertu.

Jirrizerva li jipprovdi dwar l-ispejjez fis-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------